



Brussell, 15 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

**14047/20**

**AGRI 476  
VETER 60  
DENLEG 87  
FOOD 28  
CONSOM 219**

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13691/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-animali fl-UE kollha

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness it-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-animali fl-UE kollha, kif approvat mill-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fil-15 ta' Diċembru 2020.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali  
fl-UE kollha**

**BILLI**

- (1) It-trattament xieraq tal-annimali huwa kwistjoni ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Ewropej u ġie rikonoxxut bħala tali mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (UE).
- (2) Fl-2007, il-Kunsill irrikonoxxa fil-Konklużjonijiet tiegħu wara l-Konferenza "Il-Benessri tal-Annimali - Titjib permezz tat-Tikkettar?"<sup>1</sup> li l-konsumaturi jistgħu japprezzaw informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-benessri tal-annimali li taħthom jinkisbu prodotti li joriġinaw mill-annimali, u b'hekk jippermettulhom jiffavorixxu standards ogħla tat-trattament xieraq tal-annimali permezz tad-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom. Huwa ssottolinja wkoll li t-tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali jista' jippermetti lill-produtturi jikkapitalizzaw fuq standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar is-suġġett. Ir-rapport tal-Kummissjoni<sup>2</sup> qabel mal-Kunsill illi t-tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali, ibbażat fuq l-għarfien xjentifiku sod u vvalutat fuq il-bażi tar-rekwiżiti armonizzati, jista' jgħin lill-konsumaturi biex jagħmlu deċiżjonijiet ta' xiri infurmati u jagħmluha possibbli għall-produtturi li jibbenfikaw mill-opportunitajiet tas-suq.
- (3) Fl-2012, il-Kummissjoni ħabbret fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġja tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012–2015<sup>3</sup> tagħha li ser tikkunsidra qafas ġdid tal-UE biex iżżejjid it-trasparenza u l-adegwatezza tal-informazzjoni għall-konsumaturi dwar it-trattament xieraq tal-annimali għall-għażla tax-xiri tagħhom. F'dan ir-rigward, ingħatat attenzjoni speċifika lill-valorizzazzjoni tal-istandardi dwar it-trattament xieraq tal-annimali bħala mezz biex tissaħħa il-kompetittività tal-industrija tal-ikel tal-UE.

---

<sup>1</sup> 9151/07

<sup>2</sup> 15307/09

<sup>3</sup> [lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:57576a43-59e3-4e99-aa3a-517b34804bc2.0017.03/DOC\\_2&format=PDF](http://lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:57576a43-59e3-4e99-aa3a-517b34804bc2.0017.03/DOC_2&format=PDF)

- (4) Fl-2015<sup>4</sup>, l-Ewrobarometru żvela li 82 % tal-Ewropej qiesu li t-trattament xieraq tal-annimali mrobbija għandu jkun protett aħjar u li 52 % fittxew tikketti dwar it-trattament xieraq tal-annimali huma u jixtru l-prodotti. Skont l-Ewrobarometru, fl-2018<sup>5</sup>, l-enfasi tal-opinjoni pubblika nbidlet mill-iżgur tal-provvista tal-ikel għal enfasi, fost l-oħrajn, fuq it-trattament xieraq tal-annimali.
- (5) Fil-"*Konklużjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali - parti integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali*" tiegħu, approvati fl-aħħar tal-2019<sup>6</sup>, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtieġa għal u l-impatt ta' qafas regolatorju tal-UE bi kriterji għal skemi ta' tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali filwaqt li jittieħed kont tal-esperjenza nazzjonali.
- (6) Kmieni fl-2020, fil-Kunsill kien hemm appelli għal aktar azzjoni dwar it-tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali, b'ċerti Stati Membri jenfasizzaw il-ħtieġa ta' qafas dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha għall-ikel li jkun ġie prodott skont l-istandard tat-trattament xieraq tal-annimali li jmorrū lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi<sup>7</sup>.
- (7) Fl-*Istrateġja Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħha u favur l-ambjent tagħha*, adottata fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħabbret li ser tikkunsidra l-għażliet għat-tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali biex jiġi trażmess aħjar il-valur tul il-katina alimentari. Fil-*Konklużjonijiet dwar l-Istrateġja mill-Għalqa sal-Platt* tiegħu, approvati fid-19 ta' Ottubru 2020<sup>8</sup>, il-Kunsill tenna l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-impatt ta' qafas regolatorju tal-UE bi kriterji għal skema ta' tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali.
- (8) Fil-laqgħa tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali fil-15 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ħabbret li ser jinħoloq sottogrupp iddedikat għat-tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Is-sottogrupp kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fis-27 ta' Ottubru 2020.

---

<sup>4</sup> [https://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S2096\\_84\\_4\\_442\\_ENG](https://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S2096_84_4_442_ENG)

<sup>5</sup> [https://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S2161\\_88\\_4\\_473\\_ENG](https://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S2161_88_4_473_ENG)

<sup>6</sup> 14975/19

<sup>7</sup> Sessjoni tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tas-27 ta' Jannar 2020 (dok. 5556/20)

<sup>8</sup> 12099/20

## Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- (1) **JIĠBED L-ATTENZJONI** għall-punt 9 tal-*Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt* tiegħu li jenfasizza l-fatt li s-sahħha u t-trattament xieraq tal-annimali huma prekondizzjoni għall-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem;
- (2) **IFAKKAR** fir-rekwiżiti legali digħi għoljin dwar it-trattament xieraq tal-annimali applikabbi fl-UE u **JIKKUNSIDRA** li huma importanti biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirrikoxxu l-ikel prodott skont dawn ir-rekwiżiti;
- (3) **JIEĦU NOTA** tad-diskussionijiet li għaddejjin fl-UE u l-Istati Membri tagħha dwar it-titjib ulterjuri tat-trattament xieraq tal-annimali u **JENFASIZZA** li huwa meħtieġ li tingħata tweġiba għat-talbiet tal-konsumaturi għal titjib fit-trattament tal-annimali mrobbija fl-irziezet;
- (4) **JIĠBED L-ATTENZJONI** għall-inizjattivi eżistenti fl-Istati Membri, b'mod partikolari għat-tikketti volontarji digħi stabbiliti b'suċċess f'xi wħud minnhom dwar it-trattament xieraq tal-annimali;
- (5) **JILQA'** t-tħabbira tal-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-*Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt*, li ser tikkunsidra għażiex għal-konsumaturi għal titjib fit-trattament xieraq tal-annimali biex jiġi trażmess aħjar il-valur permezz tal-katina alimentari;
- (6) **JENFASIZZA** li l-għan ġenerali ta' tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha għandu jkun li jittejjeb it-trattament tal-annimali għal kemm jista' jkun annimali li jipproduċu l-ikel;
- (7) **IFAKKAR** fil-*Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt* tiegħu fejn stieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' qafas regolatorju tal-UE bi kriterji għal skema ta' tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali li tikkontribwixxi għal titjib fit-trattament tal-annimali, trasparenza akbar tas-suq, għażla aħjar għall-konsumatur u kumpens aktar ġust għall-bhejjem li jibbenefikaw minn livelli oħla ta' trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll kondizzjonijiet ekwi, u irrimarka li jeħtieġ li titqies l-esperjenza nazzjonali u jitnaqqas kemm jiġi jista' jkun il-piż amministrattiv addizzjonali;

- (8) **JILQA'** f'dan il-kuntest l-istabbiliment ta' sottogrupp dwar "Tikkettar dwar it-Trattament Xieraq tal-Animali" fil-qafas tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Animali, li għandu l-kompli li jidher skemmi u janalizza skemi ta' ċertifikazzjoni diġà eżistenti b'attributi għat-trattament xieraq tal-animali u jivaluta l-kontribut tagħhom għat-trattament tal-animali, kif ukoll it-tnedija mill-Kummissjoni ta' studju estern dwar it-tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-animali fil-bidu tal-2021;
- (9) **HUWA TAL-OPINJONI** li tikketta dwar it-trattament xieraq tal-animali fl-UE kollha għal ikel prodott skont standards ta' trattament tal-animali ogħla minn dawk ipprovduti mil-leġiżlazzjoni tal-UE tista' twieġeb għad-domanda tal-konsumatur biex dan l-ikel jiġi rikonoxxut faċilment;
- (10) **JENFASIZZA** li tikketta bħal din, sabiex ittejjeb aktar it-trattament tal-animali fl-UE, għandha tippermetti r-rikonoxximent fis-suq u remunerazzjoni aħjar tal-isforzi addizzjonali magħmula mill-produtturi, b'mod partikolari l-bdiewa;
- (11) **JISSOTTOLINJA** l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur dwar it-trattament xieraq tal-animali u standards relatati tal-UE, b'mod partikolari meta tīgħi introdotta tikketta armonizzata dwar it-trattament xieraq tal-animali fl-UE kollha;
- (12) **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-aspetti li ġejjin qabel ma tippreżenta l-proposta korrispondenti:
- l-iżvilupp ta' skema ta' tikkettar trasparenti b'diversi livelli li tippermetti biżżejjed incenzi għall-produtturi biex itejbu t-trattament tal-animali;
  - l-iżvilupp ta' kriterji armonizzati rilevanti, li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jiġu vverifikati fl-UE kollha li:
    - imorru lil hinn mir-rekwiżiti legali attwali tal-UE dwar it-trattament tal-animali,
    - iqisu l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi u klimatiċi tal-Istati Membri u jinkludu kriterji li jistgħu jinkisbu minnhom kollha, u
    - ikollhom tal-anqas jiġu ssodisfati sabiex ikunu jistgħu jintużaw kemm it-tikketta dwar it-trattament xieraq tal-animali tal-UE kif ukoll it-termini protetti;

- (c) li tali tikketta ma għandhiex tkun ta' żvantaġġ għall-Istati Membri li għandhom fis-seħħ leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali li hija aktar stretta mir-rekwiżiti legali attwali tal-UE;
  - (d) l-inklużjoni gradwali tal-ispeċijiet kollha tal-bhejjem, li jkopru l-ħajja kollha tagħhom, inkluż it-trasport u l-qtil, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kondizzjonijiet tal-għajxien kollha tagħhom; għandha tingħata prioritā lill-ispeċijiet li għalihom digħà ġew stabbiliti rekwiżiti legali tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali;
  - (e) il-ħolqien ta' logo standardizzat tal-UE u d-determinazzjoni ta' termini protetti li jinftieħmu faċilment;
  - (f) id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi<sup>9</sup> u fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli<sup>10</sup>, u l-integrazzjoni adegwata tagħhom ftikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha, fejn rilevanti;
  - (g) l-interazzjoni bejn it-tikketti eżistenti fuq livell nazzjonali u fuq livell tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali;
  - (h) il-piż amministrattiv possibbli relatat mat-tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha.
- 

<sup>9</sup> Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1–92)

<sup>10</sup> Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 922/72, (KE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671–854)